

**Brussell, 24 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7582/22

UK 55

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 126 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq 1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru 2021

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 126 final.

Mehmuż: COM(2022) 126 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.3.2022
COM(2022) 126 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerç u l-
Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta'
Fuq
1 ta' Jannar – 31 ta' Diçembru 2021**

Ir-Rapport mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament
Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-
applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-
Irlanda ta' Fuq
L-1 ta' Jannar – il-31 ta' Diċembru 2021

Werrej

1. Introduzzjoni	3
2. Qafas istituzzjonali	4
3. Għodod ta' infurzar u soluzzjoni tat-tilwim	5
4. Kummerċ fil-merkanzija	6
5. Servizzi u investiment, kummerċ diġitali, proprjetà intellettuali, akkwist pubbliku u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju	10
6. Enerġija.....	14
7. Kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni miftuħa u ġusta u għall-iżvilupp sostenibbli	14
7.1. L-istandards tax-xogħol u soċjali, l-ambjent u l-klima, l-iżvilupp sostenibbli.....	15
7.2. Kontroll tas-sussidji	16
8. Trasport	17
9. Is-sajd	17
10. Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali	18
11. L-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.....	18
12. Parteċipazzjoni fi programmi tal-UE	19
13. Konklużjonijiet.....	19

1. Introduzzjoni

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Renju Unit), min-naħa l-oħra¹ ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020. Dan daħal fis-seħħ b'mod provviżorju fl-1 ta' Jannar 2021. Wara t-tlestija tal-proċessi ta' ratifika fl-UE u fir-Renju Unit, daħal fis-seħħ formalment fl-1 ta' Mejju 2021.

Il-FKK jistabbilixxi bażi komprensiva għar-relazzjoni bejn il-partijiet f'firxa wiesgħa ta' oqsma inklużi l-kummerċ, it-trasport, is-sajd, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni għudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE. Huwa sostnut minn dispożizzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, żvilupp sostenibbli u rispett għad-drittijiet fundamentali, kif ukoll arranġamenti dwar il-governanza u s-soluzzjoni tat-tilwim.

Fost il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE, il-FKK huwa uniku fis-sens li ġie konkluż ma' Stat Membru preċedenti. B'riżultat ta' dan, il-kundizzjonijiet għall-kummerċ u għall-kooperazzjoni stabbiliti mill-FKK saru aktar ristretti minn dawk li kienu fis-seħħ sa tmiem l-2020, meta ntemm il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ². Din hija konsegwenza inevitabbli tar-Renju Unit li jħalli l-Unjoni Doganali tal-UE u s-suq uniku.

L-objettiv tal-UE huwa li tistabbilixxi relazzjoni pożittiva u stabbli mar-Renju Unit. Filwaqt li nkiseb progress tajjeb fl-istabbiliment tal-istrutturi għall-kooperazzjoni stabbiliti fil-FKK, għad fadal xi sfidi. Hemm ukoll diffikultajiet persistenti dwar ir-relazzjoni usa' mar-Renju Unit, b'mod partikolari dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Dan huwa l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-FKK, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021³. Ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' firxa ta' oqsma koperti mill-FKK matul l-ewwel sena tal-applikazzjoni tiegħu. Ir-rapport ifittex ukoll li jikkwantifika l-effett tal-FKK bid-*data*, fejn disponibbli.

¹ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149/10) [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:22021A0430\(01\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:22021A0430(01)&from=MT)

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019/C 384 I/01) [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12019W/TXT\(02\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12019W/TXT(02)&from=MT)

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L149/2) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021D0689&from=MT>

2. Qafas istituzzjonali

Il-FKK joħloq il-qafas istituzzjonali tiegħu stess biex jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni tiegħu. Din l-istruttura għet stabbilita b'suċċess fl-2021 u issa hija kompletament operattiva.

Il-Kunsill ta' Sħubija, li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-FKK fil-livell politiku, iltaqa' għall-ewwel darba fid-9 ta' Ġunju 2021. Il-partijiet iddiskutew fost l-oħrajn is-sajd, in-nondiskriminazzjoni għat-tariffi tal-viża għax-xogħol, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-UE⁴. Madankollu, dikjarazzjoni konġunta ma setgħetx tiġi miftiehma minħabba r-rifjut tar-Renju Unit li jkollu referenza għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bħala prerekwiżit għal relazzjoni futura solida⁵.

Il-korpi konġunti kollha li jassistu lill-Kunsill ta' Sħubija fi kwistjonijiet koperti mill-FKK, inkluż il-Kumitat ta' Sħubija tal-Kummerċ u l-11-il kumitat speċjalizzat għall-kummerċ, li jappoġġaw il-ħidma tiegħu f'oqsma speċifiċi, kellhom laqgħat matul l-2021:

- il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (6 ta' Lulju 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija (14 ta' Lulju 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat dwar is-Sajd (20 ta' Lulju u 27 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (22-23 Settembru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Orġini (7 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti (8 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar is-Servizzi, l-Investment u l-Kummerċ Diġitali (11 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar l-Akkwist Pubbliku (12 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli (12 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Proprietà Intellettuali (13 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Regulatorja (13 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bl-Ajru (14 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (15 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja (19 ta' Ottubru 2021);
- il-Kumitat ta' Sħubija Kummerċjali (16 ta' Novembru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (23 ta' Novembru 2021);

⁴ Aġendi u minuti tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-kumitati: https://ec.europa.eu/info/strategy/relations-non-eu-countries/relations-united-kingdom/eu-uk-trade-and-cooperation-agreement/meetings-eu-uk-partnership-council-and-specialized-committees-under-trade-and-cooperation-agreement_en

⁵ Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wara l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/20210609_unilateral_pc_statement_002_final.pdf

- il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq (24 ta' Novembru 2021);
- il-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Koperazzjoni Amministrattiva fil-VAT u l-Irkupru tat-Taxxi u d-Dazji (15 ta' Diċembru 2021); u
- l-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni (21 ta' Diċembru 2021).

F'konformità mal-arranġamenti miftiehma, l-UE kienet irrappreżentata f'dawn il-laqgħat mill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-UE kienu kkoordinati mal-Kunsill. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ngħaqdu mal-laqgħat bħala parti mid-delegazzjoni tal-UE. Il-Parlament Ewropew ġie nfurmat bl-attivitajiet tal-korpi konġunti.

Ittieħdu wkoll passi biex tiġi stabbilita kooperazzjoni parlamentari bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-partijiet qablu li l-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija (l-Assemblea) stabbilita fil-FKK tkun tikkonsisti minn 35 Membru tal-Parlament Ewropew u tal-parlament tar-Renju Unit rispettivament. Id-delegazzjoni tal-UE għall-Assemblea ġiet approvata f'Ottubru 2021⁶. L-Assemblea se tibda l-ħidma tagħha fl-2022.

Beda wkoll il-proċess tal-involvement tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FKK. Il-linji gwida operazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili ġew miftiehma b'mod informali mill-Kummissjoni u mir-Renju Unit. Dawn il-linji gwida jeħtieġ li jiġu approvati mill-Kunsill ta' Sħubija sabiex il-Forum tas-Soċjetà Ċivili jibda jaħdem⁷. Il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE ġie stabbilit ukoll biex jippermetti djalogu usa' dwar il-kwistjonijiet koperti mill-FKK. Il-Grupp Konsultattiv Domestiku huwa appoġġat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li jikkoordina l-laqgħat u jżomm kuntatti mas-sħab tas-soċjetà ċivili. L-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv Domestiku saret fil-25 ta' Novembru 2021⁸.

3. Għodod ta' infurzar u soluzzjoni tat-tilwim

Bi tweġiba għat-talbiet mill-Istati Membri, il-Kummissjoni stabbiliet punt ċentrali⁹ li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jirreġistraw ilmenti relatati mal-implimentazzjoni tal-FKK. In-negozji, l-NGOs, l-impjegaturi, it-trade unions u l-pubbliku ġenerali fl-UE jistgħu jużaw din is-sistema bħala l-ewwel punt ta' dħul biex jirrapportaw problemi relatati mal-implimentazzjoni tal-FKK. Il-punt ċentrali huwa marbut mal-għodod eżistenti żviluppati mill-Kummissjoni, bħall-punt uniku ta' dħul għar-reġistrazzjoni ta' lmenti relatati mal-kummerċ, inklużi kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq, kundizzjonijiet ekwi jew żvilupp sostenibbli. Dawn l-għodod jirriflettu l-isforzi akbar tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-infurzar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali tagħha.

Barra minn hekk, sabiex tkun tista' tagħti bidu għal miżuri ta' infurzar, il-Kummissjoni għamlet proposti¹⁰ sabiex tirregola l-adozzjoni ta' miżuri unilaterali u ta' infurzar, li

⁶ Ara: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0398_MT.pdf

⁷ L-informazzjoni dwar il-laqgħat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili se tkun disponibbli fuq <https://trade.ec.europa.eu/dialog/index.cfm>

⁸ <https://www.eesc.europa.eu/en/tags/international-trade?page=1>

⁹ https://ec.europa.eu/assets/sg/complaint_eu_uk_tca/complaints_mt/

¹⁰ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u mill-Ftehim dwar

jissostitwixxu l-għoti tas-setgħa previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689¹¹ dwar il-konklużjoni tal-FKK.

Fl-2021, l-ebda parti ma talbet konsultazzjonijiet jew l-istabbiliment ta' tribunal tal-arbitraġġ skont ir-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim tal-FKK. Bħala parti mill-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli, fl-14 ta' Diċembru 2021 l-UE pproponiet formalment individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' tribunal tal-arbitraġġ¹².

4. Kummerċ fil-merkanzija

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit u l-UE nqasmu f'żewġ territorji doganali separati, u f'żewġ swieq separati għall-merkanzija, kull wieħed bir-reġim regolatorju tiegħu stess, u b'hekk inevitabbilment inħolqu ostakli għall-kummerċ.

Għalkemm il-FKK jipprovdi għall-kummerċ mingħajr tariffi u kwoti fuq l-importazzjonijiet kollha bejn il-partijiet, intemm il-kummerċ mingħajr frizzjoni fil-merkanzija u reġgħu feġġew ostakli nontariffarji. Mill-2021, l-esportazzjonijiet kollha mir-Renju Unit lejn l-UE huma soġġetti għal proċeduri u għal kontrolli doganali. Il-kunsinni agroalimentari jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa u jgħaddu minn spezzjonijiet sanitarji u fitosanitarji (SPS) fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-merkanzija kollha jeħtieġ li tikkonforma ma' regoli u ma' miżuri regolatorji differenti, peress li l-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku ma baqax japplika.

Barra minn hekk, il-merkanzija nnegożjata bejn iż-żewġ partijiet trid tikkonforma mar-regoli tal-orġini stabbiliti fil-FKK jekk trid tibbenefika minn trattament preferenzjali b'0 % tad-dazji doganali. Il-prova tal-orġini ta' merkanzija tista' tkun ta' piż, b'mod partikolari jekk in-negozji jgħibu komponenti minn diversi pajjiżi. Sabiex tiffaċilita l-użu tat-trattament preferenzjali, il-Kummissjoni adottat leġiżlazzjoni¹³ li tistabbilixxi perjodu tranżizzjonali li matulu l-esportaturi tal-UE jistgħu joħorġu dikjarazzjonijiet dwar l-orġini bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fornituri, anki fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni sħiħa, sakemm ikollhom dan sal-aħħar tal-2021. Mill-2022, japplikaw rekwiżiti standard biex isiru dikjarazzjonijiet dwar l-orġini. Fuq l-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit, aktar minn 80 % tal-prodotti bbenefikaw minn trattament preferenzjali. Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri

il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, COM(2022) 89; u Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, COM(2022) 100.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L149/2) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021D0689&from=MT>

¹² https://ec.europa.eu/info/system/files/ares_20217728182_letter_from_vice-president_sefcovic_to_the_united_kingdom_minister_of_state_lord_frost_signed.pdf

¹³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2254 tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar it-fassil ta' dikjarazzjonijiet dwar l-orġini fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-fornituri għall-esportazzjonijiet preferenzjali lejn ir-Renju Unit matul perjodu tranżitorju (ĠU L446/1) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020R2254&from=MT>

tiżgura l-implimentazzjoni korretta tar-regoli tal-oriġini u tipprovdi gwida u spjegazzjonijiet lill-awtoritajiet doganali u lin-negozji.

Minkejja li ma kien hemm l-ebda dazju doganali fuq merkanzija oriġinarja, in-negozji rrapportaw b'mod wiesa' dwar tfixkil fil-ktajjen tal-provvista. Id-diffikultajiet li jiffaċċjaw in-negozji tal-UE huma konsistenti ma' dak li jista' jkun mistenni, jiġifieri:

- żieda fil-kostijiet minħabba l-ħtieġa ta' konformità ma' sistemi regolatorji doppji u formalitajiet addizzjonali;
- dewmien fil-fruntiera minħabba rekwiżiti proċedurali ġodda; u
- diffikultà fil-konformità mar-regoli tal-importazzjoni li kienu qed jinbidlu.

Il-Kummissjoni għamlet kull sforz biex tgħin lill-Istati Membri u lin-negozji tal-UE jinnavigaw l-ambjent il-ġdid. Pereżempju fir-rigward tar-rekwiżiti SPS, fejn seħħew ċerti problemi fil-bidu tal-2021, ġiet ipprovduta minnufih gwida dwar l-applikazzjoni korretta tar-regoli SPS. Fil-qasam tad-dwana, ġiet ippubblikata gwida dwar ir-regoli tal-oriġini u kwistjonijiet oħra relatati mad-dwana flimkien ma' listi ta' kontroll u informazzjoni rilevanti oħra¹⁴. B'riżultat ta' dan, in-numru ta' problemi fiż-żewġ oqsma naqas b'mod sinifikanti matul is-sena. Min-naħa tiegħu, ir-Renju Unit ripetutamente ippospona l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti doganali u SPS fuq l-importazzjonijiet mill-UE fl-2021. L-implimentazzjoni ta' dawn il-formalitajiet bdiet f'Jannar 2022 u se tiġi introdotta gradwalment sa Ottubru 2022, skont l-approċċ gradwali definit fil-Mudell Operattiv fuq il-Fruntiera. L-applikazzjoni tagħhom tista' tkun ta' sfida għall-esportaturi tal-UE u għall-Istati Membri minħabba l-impatt loġistiku tal-proċeduri l-ġodda, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu ppreżentati d-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa qabel ma l-merkanzija tintbagħat mill-portijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit, kif ukoll il-kumplessità tas-sistema tal-IT stabbilita mir-Renju Unit.

Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li l-amministrazzjonijiet u n-negozji tagħhom ikunu ppreparati sew. L-informazzjoni rilevanti hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kummissjoni¹⁵. Sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ ta' merkanzija li taqa' taħt ir-rekwiżiti tal-SPS, mudelli elettroniċi taċ-ċertifikati tas-saħħa meħtieġa għall-esportazzjonijiet lejn il-Gran Brittanja saru disponibbli għall-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni kienet involuta f'diskussjonijiet mal-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar l-aċċettazzjoni tagħhom.

Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt ekonomiku sħiħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mis-suq uniku tal-UE, l-aħħar *data* turi li l-flussi kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit stabbilizzaw ruħhom parzjalment fl-2021 wara tnaqqis inizjali wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, dawn baqgħu aktar baxxi milli fl-2019 u qabel.

Dwar il-kummerċ fil-merkanzija, l-Eurostat jistma, għall-2021, EUR 146 biljun ta' importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit li huwa tnaqqis sinifikanti kemm meta mqabbel mal-2020 (-13,6 %) kif ukoll meta mqabbel mal-2019 (-24,8 %). L-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit huma stmati għal EUR 283 biljun, żieda ta' 1,9 % meta mqabbla mal-2020 iżda xorta 11,4 % taħt il-livell irreġistrat fl-2019.

¹⁴ https://ec.europa.eu/taxation_customs/customs-4/international-affairs/third-countries/united-kingdom_en

¹⁵ https://ec.europa.eu/taxation_customs/customs-4/international-affairs/third-countries/united-kingdom/new-import-formalities-bring-goods-eu-uk-1-january-2022_en

It-tabella 1 turi li kemm l-importazzjonijiet kif ukoll l-esportazzjonijiet tal-UE ta' oġġetti mal-bqija tas-sħab tagħha żdiedu drastikament fl-2021 meta mqabbla mal-2020 (+ 27 % u + 14,6 % rispettivament) u ogħla mil-livelli tal-2019, ta' qabel il-pandemija, (12,5 % għall-importazzjonijiet u 4,7 % għall-esportazzjonijiet) filwaqt li l-kummerċ mar-Renju Unit għadu 'l bogħod mil-livelli tiegħu ta' qabel il-pandemija.

Il-makkinarju u t-tagħmir tat-trasport, li jirrappreżentaw sehem rilevanti tal-kummerċ bilaterali ġew affettwati b' mod partikolari. L-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit f' dan is-settur naqsu b' 26,2 % fl-2021 meta mqabbla mal-2020 u bi 37,9 % meta mqabbla mal-2019. L-esportazzjonijiet tal-UE naqsu b' 3,1 % fl-2021 meta mqabbla mal-2020 u b' 20,5 % meta mqabbla mal-2019. F' termini assoluti, il-kummerċ totali tal-UE fil-makkinarju u fit-tagħmir tat-trasport mar-Renju Unit fl-2021 kien ta' aktar minn EUR 52 biljun taħt il-livell irreġistrat fl-2019¹⁶.

¹⁶ L-istatistika li tkejjel il-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit kienet affettwata minn bidla kbira mill-1 ta' Jannar 2021, meta l-istatistika bbażata fuq l-istħarriġ użata għall-kejl tal-kummerċ intra-UE ġiet sostitwita minn statistika bbażata fuq id-dwana li tkejjel il-pajjiż ta' oriġini minflok il-pajjiż ta' kunsinna. Huwa probabbli li (parti minn) it-telf fil-kummerċ tal-UE mar-Renju Unit ġie kkompensat minn qligħ fil-kummerċ ma' pajjiżi oħra mhux tal-UE. F' dan l-istadju, ma huwiex possibbli li dan l-effett statistiku jiġi kkwantifikat.

Tabella 1. Kummerċ tal-merkanzija tal-EU-27 fl-2021 skont is-sieħeb u s-settur tal-SITC meta mqabbel mas-snin preċedenti

	Importazzjonijiet UE	<i>% tal-bidla mqabbla ma'</i>		Esportazzjonijiet tal-UE	<i>% tal-bidla mqabbla ma'</i>		
	2021 EUR miljun	2020	2019	2021 EUR miljun	2020	2019	
Kummerċ tal-EU27 skont is-sieħeb		TOTAL tal-prodotti kollha					
IR-RENJU UNIT	146 025	-13,6	-24,8	283 589	1,9	-11,4	
Extra-EU27 (mingħajr ir-Renju Unit)	1 965 514	27,0	12,5	1 896 887	14,6	4,7	
II-kummerċ tal-EU27 skont is-settur tal-SITC		Sieħeb: Ir-Renju Unit					
0 - Ikel u annimali ħajjin	9 444	-26,8	-31,5	31 716	-4,5	-3,9	
1 - Xorb u tabakk	2 637	-9,8	-23,5	6 269	5,1	7,3	
2 - Materjali mhux maħduma, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, għajr il-fjuwils	4 349	34,1	22,9	9 535	53,9	55,3	
3 - Fjuwils minerali, lubrikanti u materjali relatati	20 913	37,8	-6,5	10 775	92,6	6,9	
4 - Żjut tal-annimali u tal-ħxejjex, xaħmijiet u xama'	451	-21,4	-6,3	1 034	2,6	9,7	
5 - Sustanzi kimiċi u prodotti relatati, mhux inklużi band'oħra	26 286	-20,8	-20,6	45 316	2,8	-6,8	
6 - Merkanzija manifatturata kklassifikata prinċipalment skont il-materjal	16 274	-0,3	-11,9	35 604	11,8	-1,7	
7 - Makkinarju u tagħmir tat-trasport	42 823	-26,2	-37,9	102 872	-3,1	-20,5	
8 - Oġġetti mixxellanji manifatturati	13 917	-36,0	-44,3	33 592	-8,3	-22,1	
9 - Komoditajiet u tranżazzjonijiet mhux inklużi band'oħra	8 931	83,0	72,7	6 877	-9,6	1,3	
II-kummerċ tal-EU27 skont is-settur tal-SITC		Sieħeb: Extra-EU27 (mingħajr ir-Renju Unit)					
0 - Ikel u annimali ħajjin	98 296	8,2	5,1	103 475	5,9	12,2	
1 - Xorb u tabakk	6 599	4,2	-3,1	34 035	15,5	6,7	
2 - Materjali mhux maħduma, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, għajr il-fjuwils	87 727	34,3	29,5	53 542	32,2	26,8	
3 - Fjuwils minerali, lubrikanti u materjali relatati	359 916	74,6	5,6	93 312	59,5	-0,1	
4 - Żjut tal-annimali u tal-ħxejjex, xaħmijiet u xama'	13 458	27,2	48,7	6 642	20,0	32,9	
5 - Sustanzi kimiċi u prodotti relatati, mhux inklużi band'oħra	244 176	22,1	20,9	410 917	12,0	14,7	
6 - Merkanzija manifatturata kklassifikata prinċipalment skont il-materjal	222 081	26,8	24,0	203 994	18,4	5,8	
7 - Makkinarju u tagħmir tat-trasport	627 878	18,5	10,3	727 950	11,3	-1,9	
8 - Oġġetti mixxellanji manifatturati	272 572	17,8	8,2	223 366	16,7	4,4	
9 - Komoditajiet u tranżazzjonijiet mhux inklużi band'oħra	32 811	1,2	24,9	39 655	2,1	-1,3	

Sors: Eurostat EXT_ST_EU27_2020SITC 18-Feb-22

5. Servizzi u investment, kummerċ diġitali, proprjetà intellettuali, akkwist pubbliku u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-moviment liberu tal-persuni, kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-moviment tal-kapital u l-istabbiliment waslu fi tmiem, u dan irriżulta f'bidla kbira fil-mod kif il-fornituri ta' servizzi taż-żewġ partijiet jistgħu jaċċessaw is-swieq ta' xulxin. Il-forniment ta' servizzi, li issa jsir fuq bażi ta' pajjiż mhux tal-UE, sar aktar impenjattiv. In-negozji li qed jipplanaw li jipprovdu servizzi jew investituri li lesti jistabbilixxu lilhom infushom fit-territorju tal-parti l-oħra jiffaċċjaw ostakli regolatorji u amministrattivi ġodda. Pereżempju, l-awtorizzazzjonijiet mill-pajjiż ta' oriġini ma għadhomx validi fil-pajjiż ospitanti, il-kwalifiki professjonali ma humiex rikonoxxuti faċilment daqs kemm huma fi ħdan l-UE u japplikaw ir-regoli dwar l-immigrazzjoni. Għall-fornituri ta' servizzi u għall-investituri tar-Renju Unit japplikaw regoli differenti f'kull wieħed mis-27 Stat Membru.

Għalkemm il-FKK fih dispożizzjonijiet li jnaqqsu ċerti ostakli għall-aċċess, pereżempju billi jipprojbixxu restrizzjonijiet kwantitattivi bħat-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-investituri u għall-fornituri ta' servizzi jew jipprovdu għal possibbiltà li jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki professjonali,¹⁷ il-qafas tal-FKK ma jistax jitqabbel mal-libertajiet ta' stabbiliment jew ta' forniment ta' servizzi fi ħdan is-suq uniku. Il-FKK jipprevedi wkoll il-faċilitazzjoni tal-kummerċ diġitali u standards imtejbin dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali, kif ukoll regoli dwar l-aċċess għas-swieq rispettivi tal-akkwist pubbliku.

Id-data għall-ewwel tliet trimestri tal-2021 turi li l-kummerċ fis-servizzi għadu ma rritornax għal-livelli ta' qabel il-pandemija. It-tabella 2 turi li minkejja l-irkupru relattiv għall-ewwel disa' xhur tal-2020, l-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit u mill-bqija tas-sħab kummerċjali tagħha huma ħafna aktar baxxi milli fl-istess perjodu fl-2019, -9,3 % mir-Renju Unit u -8 % meta mqabbla mal-bqija tad-dinja. Meta mqabbla mal-esportazzjonijiet tal-UE fl-ewwel tliet trimestri tal-2021 ma' dawk fl-istess perjodu tal-2019, it-tnaqqis hu aktar sinifikanti għar-Renju Unit (-13,2 %) milli għall-bqija tas-sħab kummerċjali tal-UE (-4,8 %).

Filwaqt li ma juri l-ebda sinjal ta' rkupru meta mqabbel mal-2020, is-settur tal-ivvjaġġar huwa wieħed mill-aktar affettwati. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-UE kemm mar-Renju Unit kif ukoll mal-bqija tas-sħab kummerċjali tiegħu, fl-ewwel disa' xhur tal-2021 għadhom 'il bogħod mil-livelli tal-istess perjodu fl-2019.

Il-kummerċ fis-servizzi tat-Trasport, is-Servizzi tal-Kostruzzjoni u l-Imposti għall-użu tal-proprjetà intellettuali huma affettwati ħafna wkoll, iżda dan japplika l-aktar għall-kummerċ bejn l-UE u r-Renju Unit, il-kummerċ bejn l-UE u s-sħab kummerċjali l-oħra tagħha issa qed jaqbeż il-livelli rreġistrati fl-ewwel disa' xhur tal-2019. Dan huwa indikattiv tal-effett tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

Matul l-2021, il-Kummissjoni kkonċentrat l-isforzi tagħha biex tegħleb l-ostakli relatati mal-implimentazzjoni tal-FKK. Pereżempju, kien possibbli li jiġu ċċarati r-regoli dwar l-immigrazzjoni tar-Renju Unit rigward id-dritt tas-sottokuntratturi li jwettqu servizzi ta' installazzjoni u ta' manutenzjoni fit-territorju tiegħu.

¹⁷ Il-korpi professjonali taż-żewġ partijiet jistgħu jitolbu lill-Kunsill ta' Sħubija japprova r-rikonoxximent fis-settur tagħhom.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni kkonformat mal-obbligi ta' trasparenza skont il-FKK. L-informazzjoni dwar il-forniment ta' servizzi minn persuni fiżiċi issa hija disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni ssodisfat ukoll l-obbligu tagħha li tiżviluppa sit web pubbliku b'informazzjoni dwar l-SMEs¹⁸.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FKK fis-servizzi u fl-investment, fil-kummerċ diġitali, fil-proprjetà intellettuali, fl-akkwist pubbliku u fl-SMEs u se tinsisti fuq il-konformità mal-FKK. Se tagħti segwitu mal-awtoritajiet rilevanti tar-Renju Unit dwar leġislazzjoni futura dwar l-akkwist pubbliku¹⁹, li qajmet tħassib fost il-partijiet ikkonċernati tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll timmonitorja mill-qrib l-impatt ta' żviluppi leġislattivi oħra fir-Renju Unit, li jaffettwaw il-kwistjonijiet koperti mill-FKK.

¹⁸ <https://trade.ec.europa.eu/access-to-markets/mt/home>

¹⁹ Ara: <https://www.gov.uk/government/consultations/green-paper-transforming-public-procurement/outcome/transforming-public-procurement-government-response-to-consultation>

Tabella 2. Il-kummerċ tas-servizzi tal-EU27 fl-ewwel disa' xhur tal-2021 skont is-sieħeb u s-settur tas-servizzi meta mqabbel mal-istess perjodu fis-snin preċedenti

	Importazzjonijiet UE			Esportazzjonijiet tal-UE		
	Jannar- Settembru 2021	% tal-bidla mqabbla sa Jannar-Settembru		Jannar- Settembru 2021	% tal-bidla mqabbla sa Jannar-Settembru	
	Miljuni ta' €	2020	2019	Miljuni ta' €	2020	2019
Kummerċ tal-EU27 skont is-sieħeb	Total tas-Servizzi kollha					
IR-RENJU UNIT	114 858	3,9	-9,3	143 253	6,4	-13,2
Extra-EU27 (mingħajr ir-Renju Unit)	499 174	-4,4	-8,0	574 356	12,3	-4,8
Kummerċ tal-EU27 skont is-settur tas-servizzi	Sieħeb: Ir-Renju Unit					
Servizzi ta' manifattura fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor	1 349	1,8	-8,7	3 721	-3,1	-2,9
Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi band'oħra	1 414	-6,2	-27,6	1 792	-19,5	-24,9
Trasport	9 101	-7,9	-27,4	15 534	4,0	-24,9
Ivvjaġġar	3 934	-33,0	-71,9	9 912	-9,7	-70,2
Kostruzzjoni	1 339	-5,6	-51,4	1 599	-12,8	-57,7
Servizzi ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni	6 342	25,4	37,8	8 487	35,4	55,8
Servizzi finanzjarji	20 121	22,8	19,8	22 693	12,1	11,9
Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali mhux inklużi band'oħra	9 061	4,0	-21,8	7 267	8,6	-8,4
Servizzi ta' telekomunikazzjoni, kompjuter u informazzjoni	14 181	2,9	8,3	27 357	9,7	14,7
Servizzi oħrajn ta' negozju	44 670	4,0	2,5	38 337	4,8	1,8
Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment	2 990	4,4	-11,5	2 798	15,8	8,1
Prodotti u servizzi tal-gvern mhux inklużi band'oħra	258	-55,6	-64,5	822	13,2	13,5
Servizzi mhux allokati	101	-39,4	-27,4	2 936	-1,0	13,3
Kummerċ tal-EU27 skont is-settur tas-servizzi	Sieħeb: Extra-EU27 (mingħajr ir-Renju Unit)					
Servizzi ta' manifattura fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor	11 556	10,5	14,5	16 907	12,4	8,5
Servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija mhux inklużi band'oħra	8 427	-8,4	-17,3	11 019	-0,9	-11,1
Trasport	96 165	20,4	1,8	126 803	31,8	8,0
Ivvjaġġar	26 230	-11,3	-63,6	32 400	-4,5	-66,4
Kostruzzjoni	2 371	1,3	-0,3	5,205	-16,5	-28,3
Servizzi ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni	12 707	18,4	20,6	11 094	-0,4	3,1
Servizzi finanzjarji	38 530	22,7	32,9	42 347	11,3	13,5

Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali mhux inklużi band'oħra	104 010	21,6	38,4	51 547	-1,8	1,4
Servizzi ta' telekomunikazzjoni, kompjuter u informazzjoni	43 818	11,6	8,2	119 666	22,0	22,1
Servizzi oħrajn ta' negozju	148 391	-31,3	-21,8	140 995	4,8	-1,2
Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment	4 779	-2,2	-12,6	7 318	5,9	-0,5
Prodotti u servizzi tal-gvern mhux inklużi band'oħra	1 984	-11,9	-14,1	3 738	-18,3	-15,3
Servizzi mhux allokati	208	-52,8	-50,0	5 319	72,8	63,2

Sors: Eurostat. Bilanċ tal-pagamenti tal-Unjoni Ewropea u taż-żona tal-euro - *data* trimestrali (BPM6) - Estratt fit-18 ta' Frar 2022

6. Enerġija

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma għadux jipparteċipa fis-suq uniku tal-enerġija tal-UE, inklużi l-governanza tiegħu u l-arranġamenti kummerċjali tiegħu. Għalkemm il-FKK jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jiġi ffaċilitat il-fluss tal-enerġija, il-proċessi ta' negozjar saru aktar ikkumplikati.

Il-FKK jippermetti l-iżvilupp ta' arranġamenti kummerċjali speċjali għall-flussi tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit. Bħala l-ewwel pass, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni taż-żewġ partijiet ntalbu jfasslu analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Madankollu, l-analiżi ppreżentata b'mod konġunt f'Mejju 2021, tat riżultati mhux sodisfaċenti li fost l-oħrajn jindikaw riskju serju ta' manipulazzjoni u ta' tfixkil tas-suq. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq għażliet u fuq alternattivi biex timplimenta dan l-obbligu.

Il-FKK jipprovdi wkoll għal kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli offshore, li hija mistennija li jkollha rwol ewlieni fl-ilħuq tal-miri zero netti taż-żewġ partijiet għall-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra. Filwaqt li komplew jibnu fuq il-Kooperazzjoni fl-Enerġija tal-Baħar tat-Tramuntana, in-negozjati bdew fl-2021 bil-ħsieb li jiġi ffirmat Memorandum ta' Qbil biex jinħoloq forum speċifiku għad-diskussjonijiet tekniċi mar-Renju Unit fir-rigward tal-iżvilupp tal-grilja fil-baħar u tal-potenzjal kbir tal-enerġija rinnovabbli tar-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana.

7. Kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni miftuħa u ġusta u għall-iżvilupp sostenibbli

L-UE u r-Renju Unit qablu fil-FKK li l-kummerċ u l-investment jeħtieġu kundizzjonijiet biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u żvilupp sostenibbli. F'dan ir-rigward, kwalunkwe żvilupp rilevanti fil-liġi tar-Renju Unit dwar il-kontroll tas-sussidji, it-tassazzjoni, l-istandards tax-xogħol u dawk soċjali, kif ukoll l-ambjent u l-klima jridu jiġu mmonitorjati u rrapportati, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689.

Sabiex timmonitorja żviluppi bħal dawn, il-Kummissjoni tuża l-informazzjoni miġbura mis-servizzi tagħha u mill-Istati Membri, l-input mill-partijiet ikkonċernati tal-UE, il-kuntatti formali u informali fil-kuntast ta' fora internazzjonali u multilaterali, kif ukoll kumitati speċjalizzati stabbiliti skont il-FKK. Il-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib ukoll l-iżvilupp ta' bidliet regolatorji, filwaqt li tanalizza r-rapporti minn gruppi ta' riflessjoni, minn negozji, minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, mill-media u minn partijiet ikkonċernati oħra. Il-punt ta' dħul uniku²⁰ stabbilit mill-FKK jipprovdi wkoll lill-Kummissjoni b'informazzjoni għall-analiżi tiegħu.

²⁰ Il-Punt ta' Dħul Uniku huwa l-punt ta' kuntatt ċentralizzat għall-partijiet ikkonċernati bbażati fl-UE li jixtiequ jippreżentaw ilment dwar kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq, kundizzjonijiet ekwi jew nuqqas ta' konformità mal-impenji tas-sistema tal-Kummerċ u l-Iżvilupp sostenibbli jew tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi. Aktar informazzjoni tista' tintab fuq <https://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/chief-trade-enforcement-officer/>

7.1. L-istandards tax-xogħol u soċjali, l-ambjent u l-klima, l-iżvilupp sostenibbli

Wara l-irtirar tiegħu mill-UE, ir-Renju Unit ħabbar riforma regolatorja wiesgħa bħala parti mill-ambizzjoni tiegħu ta' "*teħid lura tal-kontroll tal-liġijiet tagħna*" u nieda konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma tal-qafas għal regolamentazzjoni aħjar.²¹

Fil-politika tax-xogħol u dik soċjali, il-gvern tar-Renju Unit ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jstabbilixxi korp uniku ta' infurzar għad-drittijiet tal-impjeg, li se jkollu l-kompitu li jiżgura superviżjoni ċentralizzata tal-liġijiet tax-xogħol tiegħu.²² Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib dan l-iżvilupp leġiżlattiv, b'mod partikolari dwar is-setgħat u r-riżorsi tal-korp biex iwettaq ir-rwol ta' infurzar tiegħu. Ladarba l-liġi tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib jekk l-istandards tax-xogħol u soċjali rilevanti humiex infurzati b'mod effettiv, kif meħtieġ mill-FKK. Il-Kummissjoni u r-Renju Unit iddiskutew din il-kwistjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Speċjalizzat dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli fejn iż-żewġ partijiet qablu dwar l-importanza tal-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Ir-Renju Unit adotta wkoll l-Environment Act 2021²³ li jstabbilixxi l-Office for Environmental Protection u li jindirizza aspetti speċifiċi ta' politika relatati mal-iskart, mal-bijodiversità, mal-kwalità tal-arja, mal-ilma u mal-konservazzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni se timmonitorja wkoll jekk l-Uffiċċju huwiex ipprovdut b'setgħat u riżorsi suffiċjenti biex ikun jista' jinforza b'mod effettiv ir-regoli ambjentali, f'konformità mal-obbligi tal-FKK. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji ambjentali wara l-adozzjoni tal-att u l-leġiżlazzjoni sekondarja li se ssegwi.

Ir-regoli tal-UE li jirregolaw is-settur kimiku ddaħħlu fil-liġi domestika tar-Renju Unit²⁴ fl-2021 b'xi adattamenti li jirriżultaw mill-irtirar tal-pajjiż mill-UE. Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib l-approċċ tar-Renju Unit għar-restrizzjonijiet, għall-awtorizzazzjonijiet u għar-reġistrazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi sabiex tiżgura l-konformità mal-obbligi rilevanti tal-FKK.

Dwar il-protezzjoni tal-klima, ir-Renju Unit introduċa l-Iskema tiegħu stess għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.²⁵ L-iskema tapplika għall-industriji intensivi fl-enerġija, għas-settur tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u għall-avjazzjoni. Tkopri attivitajiet li jinvolvu l-kombustjoni ta' fjuwils f'installazzjonijiet. Fl-avjazzjoni, l-iskema tapplika għal titjiriet fir-Renju Unit, kif ukoll għal dawk lejn Ġibiltà u ż-Żona Ekonomika Ewropea. Minn Mejju 2021, ir-Renju Unit ilu jorganizza irkantijiet relatati mal-iskambju ta' kwoti. Il-prezzijiet tal-ikklerjar s'issa kienu f'livelli komparabbli ma' jew ogħla minn dawk fl-UE.

²¹ Tħabbira tar-riforma regolatorja tas-setturi ewlenin: <https://www.gov.uk/government/publications/brexit-opportunities-regulatory-reforms>

²² https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/991751/sing-le-enforcement-body-consultation-govt-response.pdf

²³ <https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2021/30/contents/enacted>

²⁴ <https://www.hse.gov.uk/reach/index.htm>

²⁵ <https://www.gov.uk/government/publications/participating-in-the-uk-ets/participating-in-the-uk-ets>

L-Artikolu 18(2) tal-Karta Soċjali Ewropea²⁶ jirrikjedi li r-Renju Unit jabolixxi jew inaqqas id-drittijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Lord Chancellor, inklużi t-tariffi tal-viża relatati max-xogħol. Sa dan l-aħħar, ir-Renju Unit applika tnaqqis ta' GBP 55 fuq it-tariffi tal-viża fit-tul għall-ħaddiema kollha li ġejjin mill-istati li taw il-kunsens tagħhom għall-Karta miftuħa għall-iffirmar fl-1961. F'Diċembru 2020, ir-Renju Unit ħabbar li mill-2021, it-tnaqqis ma japplikax għaċ-ċittadini ta' ħames Stati Membri tal-UE.²⁷ F'Lulju 2021, ir-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li jiddennunzja l-Artikolu 18(2) tal-Karta Soċjali Ewropea. F'Settembru 2021, ir-Renju Unit iddeċieda li jneħħi t-tnaqqis fit-tariffa tal-viża għaċ-ċittadini kollha tal-UE minn Frar 2022. Il-Kummissjoni qajmet din il-kwistjoni fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-Kumitat Speċjalizzat dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli. Hija esprimiet id-dispjaċir tagħha li r-Renju Unit ma estendiex l-iskont fuq it-tariffa tal-viża għaċ-ċittadini tal-ħames Stati Membri tal-UE kkonċernati, iżda minflok iddeċieda li jneħħi l-iskont kompletament.

7.2. Kontroll tas-sussidji

F'Ġunju 2021, il-gvern tar-Renju Unit ippreżenta Subsidy Control Bill²⁸ li għandu l-għan li jstabilixxi qafas legali għas-sorveljanza futura tas-sussidji. L-abbozz ta' liġi jipprevedi regoli sostantivi u ta' infurzar.

Dwar ir-regoli sostantivi, l-abbozz ta' liġi jipprevedi definizzjoni ta' sussidju u sett ta' prinċipji ġenerali u speċifiċi ta' sussidju, li huma bbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fil-FKK, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza.

Dwar l-infurzar, l-abbozz ta' liġi jstabilixxi Subsidy Unit fi ħdan il-Consumers and Markets Authority, li se tassumi r-rwol ta' korp indipendenti b'setgħat ta' kontroll tas-sussidji. L-abbozz ta' liġi jipprevedi sistema ta' kontroll tas-sussidji *ex post* b'xi elementi *ex ante*. Il-Competition Appeal Tribunal se jkun jista' jimponi ordni ta' rkupru jekk sussidju jingħata b'mod illegali. Huwa mistenni li jinħarġu regoli ta' implimentazzjoni u gwida addizzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi.

Il-Kummissjoni tħares ukoll lejn is-sussidji għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli skont l-iskema "Contracts for Difference" tar-Renju Unit.²⁹ Il-Kummissjoni esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-inklużjoni "*tal-perċentwal tal-kontenut tar-Renju Unit*" fil-kwestjonarju dwar il-pjan tal-katina tal-provvista. Il-Kummissjoni qajmet din il-kwistjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti u l-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar Kundizzjonijiet Ekwi għal Kompetizzjoni Miftuħa u Ġusta u Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll il-Kumitat ta' Sħubija Kummerċjali. Il-Kummissjoni talbet lir-Renju Unit biex ineħħi l-informazzjoni dwar il-kontenut lokali mill-kwestjonarju u jadatta l-punteġġ tal-kriterji ta' eliġibbiltà, minbarra li joħroġ gwida addizzjonali biex jikkonferma li l-mistoqsija dwar il-kontenut tar-Renju Unit tneħħiet u ma tingħata punteġġ bl-ebda mod, inkluż fl-istadju tal-implimentazzjoni, filwaqt li jitneħħa b'mod effettiv kwalunkwe rwol tal-post.

²⁶ Il-Karta Soċjali Ewropea hija trattat konkluż taħt il-Kunsill tal-Ewropa, li nfetħa għall-iffirmar fl-1961 u inizjalment sar effettiv fl-1965. Il-Karta ġiet riveduta fl-1996. Il-Karta Riveduta daħlet fis-seħħ fl-1999: <https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=090000168048b059>

²⁷ Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja.

²⁸ <https://www.gov.uk/government/collections/subsidy-control-bill>

²⁹ <https://www.gov.uk/government/publications/contracts-for-difference/contract-for-difference>

Ir-Renju Unit ippropona li jiġu stabbiliti tmien portijiet tal-merkanzija³⁰, li tnejn minnhom saru operattivi fl-2021, b'regoli speċifiċi b'hal miżuri ta' taxa diretta (eż. ħelsien mit-taxxa) u proċessi doganali simplifikati jew sussidji li jappoġġaw il-kummerċ u l-investiment. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-istabbiliment u l-iskrutinju tagħhom tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ekwi fil-FKK, speċjalment dawk relatati mas-sussidji u mat-tassazzjoni.

8. Trasport

Fi tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma għadux jibbenefika mis-suq uniku tal-UE fit-trasport. Għalkemm il-FKK jipprova għar-regoli li jżommu l-konnettività bejn l-UE u r-Renju Unit, id-drittijiet ta' aċċess tal-operaturi tat-trasport, b'mod partikolari fl-avjazzjoni u fit-trasport bit-triq, jibqgħu ferm taħt dawk disponibbli fis-suq uniku tal-UE. Pereżempju, il-linji tal-ajru tar-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu joffru servizzi regolari tat-trasport bl-ajru bejn l-Istati Membri.

Id-drittijiet reċiproċi miftiehma mill-partijiet fit-trasport bl-ajru u bit-triq bdew jiġu applikati immedjatament mad-dħul fis-seħħ tal-FKK u s'issa ma kinux problematiċi.

Il-FKK jippermetti wkoll il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit għas-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-merkanzija kollha taħt l-hekk imsejħa "drittijiet tal-ħames libertà"³¹. Abbażi tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689, l-Istati Membri li ġejjin innotifikaw lill-Kummissjoni l-ftehimiet tagħhom mar-Renju Unit sal-aħħar tal-2021: il-Lussemburgu, Malta, Franza, is-Slovakkja, il-Ġermanja, l-Estonja, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, il-Belġju, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Latvja, in-Netherlands, l-Irlanda, Ċipru, il-Greċja u l-Litwanja.

Dwar il-kontrolli tal-ajrunavigabbiltà għall-inġenji tal-ajru, il-magni u l-iskrejjien iddisinjati fit-territorji tagħhom, kif ukoll għall-proċessi ta' ċertifikazzjoni relatati, fl-2021 tlestew 15-il validazzjoni, li jikkonsistu prinċipalment f'ċertifikati tat-tip supplimentari jew f'bidliet fid-disinji eżistenti. Minn dawn, ingħataw 13-il validazzjoni mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE u tnejn mis-Civil Aviation Authority tar-Renju Unit.

9. Is-sajd

Fi tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma baqax jipparteċipa fil-politika komuni tas-sajd tal-UE. Għalkemm il-FKK jipprevedi aċċess reċiproku għall-ilmijiet ta' kull parti, kif ukoll regoli speċifiċi relatati mal-aċċess għall-ilmijiet tad-Dipendenzi tal-Kuruna tar-Renju Unit matul perjodu ta' aġġustament, il-kundizzjonijiet tas-sajd għas-sajjeda taż-żewġ partijiet inbidlu b'mod sostanzjali.

Il-Kummissjoni żgurata aċċess għall-ilmijiet tar-Renju Unit u tad-Dipendenzi tal-Kuruna għall-biċċa l-kbira tal-flotta tas-sajd tal-UE. Madankollu, l-iżgurar tal-aċċess għall-bastimenti

³⁰ <https://www.instituteforgovernment.org.uk/explainers/trade-freeports-free-zones>

³¹ Id-dritt jew il-privileġġ, fir-rigward ta' servizzi tal-ajru internazzjonali skedati, mogħtija minn Stat lil Stat ieħor biex ipoġġi u jieħu, fit-territorju tal-ewwel Stat, traffiku li jkun ġej minn Stat terz jew li jkun iddestinat għalih

iżgħar u ta' sostituzzjoni tal-UE għall-ilmijiet territorjali tar-Renju Unit (6-12-il mil) u għall-ilmijiet taċ-Channel Islands baqa' diffiċli. Filwaqt li sar progress sinifikanti, għadd ta' bastimenti li kienu qed ifittxu aċċess għal dawk l-ilmijiet ma kinux irċevew liċenzja sal-aħħar tas-sena. Il-Kummissjoni qed teżamina flimkien mal-Istati Membri kkonċernati ċ-ċirkostanzi madwar kull liċenzja mitluba, li ma tkunx ingħatat.

Il-partijiet skambjaw ukoll notifiki tal-miżuri ta' ġestjoni l-ġodda kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 496(3) tal-FKK. Skedi ta' żmien u proċeduri aċċettabbli b'mod reċiproku għal notifiki bħal dawn se jiġu żviluppatti mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd.

L-UE u r-Renju Unit kellhom ukoll konsultazzjonijiet annwali dwar il-ġestjoni tal-istokkijiet kondiviżi. F'Ġunju 2021 intlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli għall-2021. F'Diċembru 2021 intlaħaq qbil dwar il-qabdiet totali permissibbli għall-2022.

10. Koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fir-Renju Unit waslet fi tmiemha. Il-FKK illimita l-impatt negattiv billi pproteġa d-drittijiet tas-sigurtà soċjali ta' persuni li jiċċaqilqu bejn l-UE u r-Renju Unit wara l-1 ta' Jannar 2021. Għal dan l-għan, dan jippermetti l-koordinazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

Il-kooperazzjoni fis-sigurtà soċjali avvanzat sew fl-2021. Ma ġiet identifikata l-ebda problema strutturali bl-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali skont il-FKK. Barra minn hekk, l-emendi għall-annessi tal-Protokoll ġew adottati mill-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali biex jikkonferma li l-Istati Membri jkomplu jippermettu lill-ħaddiema stazzjonati lejn jew mir-Renju Unit li jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat ta' orijini taħt kundizzjonijiet speċifiċi.

11. L-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-arranġamenti għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-UE u r-Renju Unit inbidlu. Pereżempju, il-mekkaniżmi bbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku ġew issostitwiti b'assistenza legali reċiproka. Barra minn hekk, ir-Renju Unit ma għadux membru tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u għandu aċċess limitat jew ma għadux aċċess għall-bażijiet tad-*data* tal-UE. Għalkemm il-FKK jipprovdi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet, din il-kooperazzjoni issa titwettaq fuq bażi ta' pajjiż mhux tal-UE.

Fl-2021, kompliet il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Europol u mal-Eurojust, għalkemm dwar status ta' pajjiż mhux tal-UE u soġġett għal arranġamenti bilaterali. Għal dan l-għan, ġie ffirmat arranġament ta' ħidma u amministrattiv mal-Europol li jstabbilixxi relazzjonijiet kooperattivi fis-27 ta' Settembru 2021 u l-arranġament ta' ħidma mal-Eurojust ġie ffirmat fl-20 ta' Diċembru 2021.

Il-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni skont il-FKK estenda l-perjodu *interim* għall-evalwazzjoni *ex ante* tal-konnessjonijiet tad-DNA u tal-marki tas-swaba' tar-Renju

Unit³². Dan il-perjodu *interim* ma jistax jiġi estiż aktar wara t-30 ta' Ġunju 2022, li hija d-data sa meta għandhom jiġu evalwati l-konnessjonijiet tar-Renju Unit.

Il-FKK jirrikjedi li r-Renju Unit iħassar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri riċevuta wara t-tluq tal-passiġġieri mill-pajjiż sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindika l-ħtieġa li tinżamm tali *data*. Ir-Renju Unit seta' jidderoga minn dan l-obbligu għal perjodu interim ta' sena wara d-dħul fis-seħħ tal-FKK, sakemm jiġu implimentati ċerti aġġustamenti tekniċi. Il-perjodu *interim* kellu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2021. Madankollu, fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill ta' Sħubija, wara li kkunsidra l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit dwar is-salvagwardji u l-azzjonijiet meħuda bl-għan li jippermettu t-ħassir tad-*data* u l-użu ta' setgħa skont l-Artikolu 552(13) tal-FKK, ħa d-deċiżjoni li jestendi l-perjodu *interim* għal sena addizzjonali fid-dawl ta' ċirkostanzi speċjali³³.

12. Parteċipazzjoni fi programmi tal-UE

Bħala riżultat tal-irtirar tiegħu mill-UE, ir-Renju Unit tilef l-aċċess għall-programmi tal-UE, inklużi l-opportunitajiet ta' finanzjament u ta' skambju tagħhom. Pereżempju, studenti mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-pajjiż ma għadhomx eliġibbli biex jipparteċipaw fl-iskema ta' skambju taħt Erasmus+.

Għalkemm il-FKK jagħmilha possibbli għar-Renju Unit li jipparteċipa bħala pajjiż assoċjat mhux tal-UE f'ċerti programmi tal-UE, tali parteċipazzjoni teħtieġ l-adozzjoni ta' protokoll bilaterali u kontribuzzjonijiet finanzjarji. Dawn il-protokoll ma ġewx adottati fl-2021.

Sakemm jiġu adottati, l-entitajiet mir-Renju Unit jibbenefikaw minn arranġamenti tranżitorji li jippermettulhom japplikaw għal sejħiet għal proposti taħt Orizzont Ewropa u jgħaddu mill-proċeduri ta' evalwazzjoni.

Huwa mfakkar li, skont ir-Regolament Orizzont Ewropa,³⁴ entitajiet minn pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE huma eliġibbli li jipparteċipaw fi proġetti ta' Orizzont Ewropa mingħajr ma jirċievu finanzjament mill-UE. F'dawn il-każijiet, entitajiet ta' pajjiżi terzi jkollhom bżonn jiksbu appoġġ finanzjarju minn sorsi oħra.

13. Konklużjonijiet

Minkejja l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' mingħajr preċedent tal-FKK, u l-miżuri tiegħu ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-FKK ma huwiex, u qatt ma kien maħsub li jkun, sostitut għas-sħubija fl-UE.

Għall-kummerċ fil-merkanzija, il-FKK ma jeliminax il-proċeduri u l-kontrolli doganali, ir-regoli tal-oriġini għall-ibbenefikar mill-abolizzjoni tat-tariffi, jew l-ostakli nontariffarji li

³² Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Speċjalizzat stabbilit bl-Artikolu 8(1)(r) tal-FKK bejn l-UE u r-Renju Unit tat-28 ta' Settembru 2021, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) tal-FKK li matulu jistgħu jiġu skambjati profili tad-DNA u *data* dattiloskopika mar-Renju Unit.

³³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:22021D2323>

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-partiċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L170/1) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0695&from=MT>

jirriżultaw mid-diverġenja regolatorja. Għas-servizzi, il-flessibbiltajiet offruti mill-FKK xejn ma huma komparabbli mal-faċilità li biha s-servizzi jistgħu jiġu pprovduti fis-suq uniku tal-UE. L-istess jgħodd għall-oqsma ta' politika l-oħra kollha tal-UE li huma indirizzati fil-FKK, li jvarjaw mit-trasport u mill-enerġija sas-sajd u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Minkejja l-FKK, il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit saru aktar kumplessi u impenjattivi, meta mqabbla mas-sitwazzjoni meta r-Renju Unit kien membru tal-UE.

Minħabba li l-Brexit jimmarka t-tmiem tal-allinjament regolatorju bejn l-UE u r-Renju Unit, l-iżviluppi leġiżlattivi kontinwi u futuri huma rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-FKK. Għalhekk, il-monitoraġġ kontinwu tar-riforma regolatorja tar-Renju Unit fl-oqsma koperti mill-FKK huwa ta' importanza vitali biex jiġi żgurat li ma jkunx f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-FKK u li n-negozji tal-UE ma jkunux fi żvantaġġ kompetittiv.

L-objettiv tal-UE huwa li żżomm relazzjoni stabbli u pożittiva mar-Renju Unit, li jibqa' sieħeb kummerċjali ewlieni. Madankollu, il-kwalità tar-relazzjoni futura se tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq il-grad ta' konformità mir-Renju Unit mal-impenji meħuda fil-FKK u fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.